**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 07/25**
**Data:** It-Tnejn, 2 ta' Ġunju 2025
**Ħin:** 5:48pm
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Skużat)
Enya Abela - Kunsilliera (Mis-7:03pm)
Christian Attard - Kunsillier
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier (mis-6:02pm)
Ivan Giardina - Kunsillier (Skużat)
Luke Doublet - Kunsillier
Angelo Caruana - Administration Officer II
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**07.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**07.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**07.03 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**07.04 Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**07.05 *Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**
**07.06 Ġnien l-Għannejja Żwieten;**
**07.07 Pjazza Santa Marija;**
**07.08 Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**07.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**07.10 Mozzjonijiet; u**
**07.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**07. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' apoloġija mingħand Giardina kif ukoll qal li Abela ser tasal tard. | Segretarju Eżekuttiv |

**07. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Attard<br>Sekondant: Camilleri | Il-Minuti 06/24 inqraw u ġew approvati nem.con. mingħajr korrezzjonijiet. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2 2 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-financial statements ġew preżentati l-NAO u diġa rċevejna l-management letter lura. | Segretarju Eżekuttiv |

**07 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/25. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 1 | Sindku: Aċċess għall-parking u t-trakka tal-iskola Sekondarja | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ s-Sur Psaila fid-9 ta' Mejju fejn ġew diskussi l-parkeġġ li jinfetaħ għar-residenti matul il-lejl, it-trakka għal użu tal-mixi kif ukoll it-traffic management. Dawn ser jiġu kkunsidrati u ser jiġi lura bil-proposti kif dawn jistgħu jiġu mplimentati. Ġbidnilu l-attenzjoni ukoll dwar is-sit arkeoloġiku li hemm fiż-żona tal-iskola u fuq talba tagħna mal-Ministru tal-Kultura ser inġibu €5000 biex jiġi modernizzat il-palk tal-iskola. | Sindku |
| 07 | 3 | 2 | Sindku: Kuntratt maż-Żejtun Corinthians | Is-Sindku qalet li ser issir laqgħa mad-diriġenti tal-klabb sabiex jiġi diskuss l-kuntratt eżistenti li ser jagħlaq sentejn oħra. Aquilina ġibed l-attenzjoni li hemm affarijiet li jridu jiġu ċċarati qabel ma nikkommettu ruħna jew isir xi tibdil. | Sindku |
| 07 | 3 | 3 | Sindku: Bust Dun Anġ Seychell | Is-Sindku qalet li x-xogħol fuqu miexi. Il-pjan huwa li jkun lest sa' April 2026. | Sindku |
| 07 | 3 | 4 | Sindku: Masġar Dun Victor Grech | Is-Sindku qalet li l-pjan sabiex dan il-masġar jissemma għall-Grech beda. Aquilina diġa qed jara fejn nistgħu naħdmu l-lapida kommemorattiva li ser titwaħħal mar-residenza fejn kien jgħix. | Sindku / Aquilina |
| 07 | 3 | 5 | Sindku: Permess Bust Joe Attard | Is-Sindku qalet li l-permess tal-Planning Authority ħareġ u l-familjari talbu li ċ-ċerimonja ssir f'Ottubru meta huwa kien jagħlaq sninu. Dwar din qed jieħdu ħsiebha l-Gal Xlokk li qed jiffinanzjaw dan il-proġett. | Sindku |
| 07 | 3 | 6 | Sindku: Ġnien Brejġu | Is-Sindku qalet li x-xogħol fi Ġnien Brejġu miexi pero weħilna multa minħabba siġra, li din trid titħallas. Saħħqet li mill-llum il-quddiem kullħadd irid ikun responsabbli għal għemilu u fejn isiru żbalji hekk, min iwettaqa' l-azzjoni irid jerfa' r-responsabilta'. | Sindku |
| 07 | 3 | 7 | Sindku: Xogħolijiet | Is-Sindku qalet li x-xogħol minn IM miexi f'diversi toroq fosthom Triq il-Qadi, Il-proġett Bellus u dalwaqt Triq il-Għadam. Qed nistennew risposta minn TM dwar it-traffic management fi Triq Bugħarbiel u l-madwar. | Sindku |
| 07 | 3 | 8 | Sindku / Segretarju Eżekuttiv: Kawża Frans Borg | Is-Sindku qalet li ġiet imħarrka bħala xhud wara li Frans Borg, ex-impjegat, fetaħ kawża lil Jobsplus. Hi u s-Segretarju Eżekuttiv telgħu quddiem it-tribunal industrijali dwar dan. | Sindku |
| 07 | 3 | 9 | Sindku: Kuntrattur fil-ġonna | Is-Sindku qalet li bħala miżura temporanja tqabbad kuntrattur, Frans Gardening Services, sabiex isir xogħol fil-ġonna pubbliċi sakemm jiġu ngaġġati żewġ ġardinara ġodda. | Sindku |
| 07 | 3 | 10 | Sindku: Awditjar tal-Accounts tal-*Manuċċa Child Day care Centre* | Is-Sindku qalet li dan sar u ma kinx hemm problemi dwaru. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 07 | 3 | 11 | | Sindku: Koppja Russa | Is-Sindku, flimkien ma' Aquilina, iltaqgħu l-Kunsill ma' koppja russi li huma residenti f'Malta, li wrew ix-xewqa li għall-Żejt iż-Żejtun jew fil-Milied, iġibu l-grupp folkloristiku minn Moskow f' Malta. Bħala spejjes ser jieħdu ħsieb kollox minn naħa tagħhom. Bħala Kunsill ser jieħu ħsieb biss it-trasport f'Malta. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku / Aquilina |
| 07 | 3 | 12 | | Sindku: Wirja fl-Iskola | Is-Sindku qalet li ġiet infurmata li fl-Iskola Primarja A ser tkun qed tittellgħa wirja mill-istudenti ta' pitturi fid-19 ta' Ġunju. Kulħadd huwa mistieden. | Sindku |
| 07 | 3 | 13 | | Sindku: Antonio Lapira | Is-Sindku qalet li wieħed mill-ħaddiema tal-*Community Work* ġie mwaqqaf fl-14 ta' Mejju minħabba li ma bediex jagħti x-xogħol mixtieq. Ser ikunu qed jiġu assenjati żewġ ħaddiema ġodda dalwaqt. | Sindku |
| 07 | 3 | 14 | | Sindku: Fond Mill-Pjazza għall-Pjazza | Is-Sindku qalet li wara li saret l-applikazzjoni, intagħżilna u ser inkunu qed nibbenefikaw minn €25,000 f'fondi għal din l-attivita'. | Sindku / Aquilina |
| 07 | 3 | 15 | | Sindku: Bust Frans Mifsud | Is-Sindku qalet li nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Ġunju, l-familjari ser jinawguraw dan il-bust. Kulħadd huwa mistieden fi Ġnien l-Għannejja Żwieten fis-7pm. | Sindku |
| 07 | 3 | 16 | | Sindku: Kluwdo | Is-Sindku qalet li l-play minn 4 Jays saret u kienet suċċess kbir. Bħala kumpanija talbu li jintuża Ġnien l-Għannejja Żwieten bejn id-29 u l-31 ta' Awwissu sabiex tittellgħa rappreżentazzjoni oħra. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |
| 07 | 3 | 17 | | Sindku: Trust Foundation Maratona | Is-Sindku qalet li waqt ġabra spontanja bejn l-istaff u l-kunsilliera nġabret is-somma ta' €200 li ġiet ippreżentata mis-Sindku lill-Fondazzjoni. | Sindku |
| 07 | 3 | 18 | | Sindku: Ingaġġ ġardinara | Is-Sindku qalet li saru l-intervisti lil 7 individwi wara li dawn ġew mgħoddija mill-Jobsplus. B'kollox kien hemm lista ta' 30 parteċipant li ġew magħjta kollha għal intervista. Ser inkunu qed nevalwaw u nagħżlu tnejn minnhom. Ġie ċċarat min-naħa tas-Sindku l-bord li ħa ħsieb l-intervisti u qalet li hemm pjan li jiċċaqalqu l-irwoli fid-dekasteri. Dwar dan ser tkun qed titkellem mal-kunsilliera kollha. | Sindku |
| 07 | 3 | 19 | 01 | LCA: World Blood Donor Day | Kien hemm qbil li dawl aħmar f'dal-perjodu minħabba l-festa ma jinxtgħel imkien. | |
| 07 | 3 | 20 | 03 | SPI04/2025: Espressjoni ta' Interess Milied 2025 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsill li ser inkunu qed inressqu l-applikazzjoni għall-fondi relatati mal-Espressjoni ta' Interess Milied 2025. Din tressqet għall-approvazzjoni u kien hemm qbil unanimu. | Aquilina |
| 07 | 3 | 21 | 05 | PC Cliff Sacco Decelis | Wara li ġiet evalwata din il-proposta, ma kinx hemm qbil li tiġi nstallata kamera sabiex jiġi osservat parkeġġ illegali, peress li din tinsab quddiem l-għassa eżatt u għandhom jieħdu ħsieb huma stess. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07 3 22 | 06 | UTV: Xandir Soċjo- Reliġjuż | Kien hemm qbil dwar dan u ser ikun qed jitħallsu l-€100 l-istazzjon sabiex ixandar fil-festa. | |
| 07 3 23 | 07 | Annamaria Spiteri Debono: Petizzjoni Triq Luqa Briffa | Is-Sindku qalet li rċevejna petizzjoni mir-residenti ta' Triq Luqa Briffa sabiex din issir pedestrian. Kien hemm diskussjoni dwar dan u fost oħrajn ġie suġġeriet li tikabbar il-bankina u vetturi kbar ma jkunux jistgħu jgħaddu minnha biex nevitaw periklu għal min qed jimxi u ħsarat mal-faċċati tar-residenti.. Dwar dan ser inkunu qed inressqu l-proposti u rridu l-approvazzjoni ta' TM. | |
| 07 3 24 | 08 | Sean Borg: Barra bid-Daqq | Is-Sur Borg għamel talba għall-użu ta' Ġnien l-Għannejja Żwieten għal din l-attivita'. Dwar dan ser inkunu qed nitkellmu magħhom sabiex ituna iktar informazzjoni. Caruana qal li jekk din issir, għandha tintalab garanzija minħabba ħmieġ jew ħsara li tista' ssir. Dwar dan kien hemm qbil. | |
| 07 3 25 | 09 | Kenneth Tanti: Depożitu lura fuq permess | Wara li sar ix-xogħol u t-triq reġat lura għal kif kienet oriġinarjament, hekk kif mitlub minnha, kien hemm qbil unanimu li dawn għandhom jinagħtaw lura. | |
| 07 3 26 | 12 | Uniformijiet | Wara li tressqet għall-approvazzjoni il-kowotazzjoni għall-uniformijiet ġodda, din ġiet approvata b'mod unanimu. | |

**07. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 4 1 | | Attard: Bozoz maqtugħin | Attard qal li hemm diversi bozoz li għadhom ma xagħlux, b'waħda tmur lura kważi sena. Ser niċċekjaw mal-Enemalta u dwar dan. | Caruana |
| 07. 4 2 | | Attard: Problema bl-iskart | Attard qal li qed jirċievi diversi lmenti dwar skart li qed jitħala u ma jinġabarx minħabba l-problema tal-ħin, x'ħin jibda jinġabar mill-kuntrattur. Is-Sindku qalet li dwar dan dejjem qed nitkellmu mar-Reġjun. | |
| 07. 4 3 | | Camilleri: Triq il-Falkunier | Camilleri ġibdet l-attenzjoni dwar ħmieġ fit-*traffic island* f'din it-triq. Is-Sindku qalet li ser naraw li din titnaddaf. Qalet ukoll li ser titlob l-għajnuna tal-Cleansing Department biex dan isir. Tqajjem il-punt ukoll ta' nuqqas mill-kenniesa. Dwar dan tal-aħħar ser inkunu qed nitkellmu mal-kuntrattur sabiex ix-xogħol min nies tiegħu isir sew u hekk kif jitlob il-kuntratt. | |
| 07. 4 4 | | Camilleri: Triq San Klement | Hemm bżonn tindif f'din it-triq. Is-Sindku diġa kelmet lill-kuntrattur dwar dan u ser issir. | |
| 07. 4 5 | | Caruana: Applikazzjoni PA 35/24 | Caruana qal li reġa ġie mitfuh permess ġdid. Ser inkunu qed nikkordinaw ma' Wirt iż-Żejtun sabiex inressqu l-oġezzjonijiet tagħna għal dan l-iżvilupp hekk kif qed jiġi propost. | |

**07. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5 1 | | Aquilina: Kennies fejn il-gabbani | Aquilina reġa qajjem il-punt sabiex meta jiċċaqalqu l-gabbani, għandhom jitqabbdu tlett kenniesa sabiex jassistu fiż-żamma taż-żona nadifa matul il-ġimgħa tal-festa. Kien hemm qbil dwar dan. | Aquilina |
| 7 5 2 | | Aquilina: Turiżmu fiż-Żejtun | Aquilina qal li kellu kuntatt mal-Perit Abela fejn iddiskutew li hemm lok fejn inġibu turisti fiż-Żejtun. Ser niddiskutu mal-MTA dwar dan u hemm ċans li nġibu fond ta' €10,000 għal dan il-proġett. | Aquilina |

**07. 6.** **Ġnien l-Għannejja Żwieten;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku qajmet il-punt li kulħadd kellu jiġi bl-ideat dwar din iż-żona. Tqajjmet diskussjoni u kulħadd beda jagħti xi ideat dwar x'jista' jsir. Ser inkunu qed naraw mal-perit dwar kif u kemm jista' jinbena u nimxu min hemm. | Sindku |

**07. 7.** **Pjazza Santa Marija;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni biex il-proġett jimxi l'quddiem. Jidher li hemm qbil li l-pjanti jinbidlu għal dawk hekk kif suġġeriti mill-Palestinjani. Ser tkun qed issir laqgħa għar-residenti biex jiġi spjegat il-proġett. Is-Sindku ser tkun qed tgħaddi l-pjanti lill-kunsilliera kollha sabiex jerġgħu jarawhom. | |

**07. 8.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Abela: *Blood Donation Unit* | Abela qalet li fil-20 ta' Lulju ser jerġa jkollna l-*Blood Donation Unit* fil-pjazza. Talbet biex in-*no parkings* isru fil-ħin u kif suppost biex ma jkunx hemm problemi. | Abela |
| 07. 8. 2 | | Aquilina: Konkors Letterarju | Aquilina qal li fl-4 ta' Lulju ser ikollna l-konkors u ġa qed jiġu sottomessi l-kitbiet. Qal li għall-ewwel darba ser ikun hemm sezzjoni għall-istudenti tas-sitt sena mill-Iskola Primarja A. Dawn ser ikollhom ġurija għalihom u ser ikunu qed isiru workshops apposta għalihom fl-24 u s-26 ta' Ġunju. | Aquilina |
| 07. 8. 3 | | Camilleri: *Summer Revision Classes* | Camilleri qalet li dawn issa huma konfermati u ser isiru. | Camilleri |
| 07. 8. 4 | | Camilleri: *Halloween Event* | Camilleri qalet li diġa qed tipprepara sabiex terġa ssir l-attivita' fi żmien il-Halloween. | Camilleri |
| 07. 8. 5 | | Sindku | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata minn tfajla sabiex tkun tista' tuża l-Ċentru Arti u l-Artiġjanat sabiex isiru provi ta' weights fih sabiex jaraw kif imorru. Se naraw eżatt x'għandha bżonn. | Sindku |
| 07. 8. 6 | | Sindku: Matthias Casssar diżinjatur | Is-Sindku qalet li avviċinaha Matthias Cassar, diżinjatur tal-ħwejjeġ, sabiex jagħmel użu mill-Arti u Artiġjanat. Kien hemm qbil dwar dan. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 7 | | Sindku: Birzeit | Is-Sindku informat lill-Kunsill li bejn it-12 u s-16 ta' Ġunju ser ikollna fostna delegazzjoni mill-Palestina sabiex jassistu għall-festa u qabel jitilqgħu jiġi ffirmat il-ftehim ta' ġemellaġ. | Sindku |
| 07. 8. 8 | | Camilleri: Erasmus | Camilleri qalet li ser ikun hawn grupp minn Erasmus li dawn ser ikunu qed jinagħtaw esperjenza fil-*Manuċċa Child Day Care Centre* . | Camilleri |

**07. 9. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 9. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/25 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 9. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 06/25 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 07. 9. 3 | | *Petty Cash* - Mejju 2025 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' April hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €219.16 | Segretarju Eżekuttiv |

**07 10 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 10 1 | | Sindku | Is-Sindku ressqet mozzjoni, sekondata minn Attard u Camilleri, sabiex Sqaq Gregorio Bonici, jiġi mibdul u msemmi għal-Charlie Attard. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dan jiġi propost lill-Kumitat tat-Tismija tat-toroq u jekk jiġi approvat issir il-bidla hekk kif proposta. | Segretarju Eżekuttiv |

**07 11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:36pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Ħamis, 10 ta' Lulju 2025 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joan Agius | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |